MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tat-18 ta' Gunju, 2014

Avviz Numru. 303/2013

**Michael Chircop**

**vs**

**MK Leisure Limited**

Il-Qorti,

Il-Qorti rat ir-rikors tal-attur fejn talab li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lill-attur is-somma ta' €9938.96 (disat elef, disa mija u tmienja u tletin euro u sitta u disghin centezmu) rapprezentanti ammont bilancjali lilha dovut ghall-merkanzija lilha mibjugha u kkonsenjata.

Bl-ispejjez tar-rikors promotur, tal-ittra ufficjali numru 1645/13 mahruga skont artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, tal-mandat ta' qbid numru 2290/13 CP presentat kontestwalment mar-rikors promotur, u bl-imghax legali b'effett mid-9 ta' Mejju, 2012 d-data ta' l-ahhar invoice, sal-effettiv pagament kontra s-socjeta' konvenuta ngunta in subizzjoni.

Rat li fis-seduta tal-4 ta' Gunju, 2014 is-socjeta' konvenuta, ghalkemm debitament notifikata, ma dehritx u lanqas ipprezentat risposta.

Rat li fl-istess seduta gie pprezentat kapitolu ghas-subizzjoni tas-socjeta' konvenuta.

Fis-seduta tal-lum tat-18 ta' Gunju, 2014, il-Qorti hadet konjizzjoni tan-nota ta-socjeta' konvenuta pprezentata fil-11 ta' Gunju, 2014 li permezz taghha ammettiet ghat-talbiet tar-rikorrenti fl-intier taghhom.

Konsegwentement, il-Qorti tilqa' t-talba tal-attur u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' €9938.96 (disat elef, disa mija u tmienja u tletin euro u sitta u disghin centezmu) bl-ispejjez ta' dawn il-proceduri, tal-ittra ufficjali numru 1645/13 mahruga skont artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, tal-mandat ta' qbid numru 2290/13 CP presentat kontestwalment mar-rikors promotur, u bl-imghax legali b'effett mid-9 ta' Mejju, 2012 sad-data tal-pagament effettiv, kontra s-socjeta konvenuta

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------